ĦAL TARXIEN

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2017

**SEDUTA NUMRU 51/07 – nhar il-Ġimgħa 29 ta' April 2016 fis-6.00pm**

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *Irtira fi 19:00pm* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:42pm - Irtira fi 20:50pm* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | *Wasal fi 18:30pm* |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *Skużat* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AGENDA

1. Qari u approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjoni mis-Sindku (Inkluż Korrispondenza)
3. Affarijiet Finanzjarji - *Inkluż Skeda ta' Pagamenti 38/07*
4. Rapport mill-Kunsillieri
5. Ħwejjeġ Oħra
6. Għeluq tal-Laqgħa

**TALBA**

**Is-Sindku qal il-talba u ppressieda l-laqgħa.**

**Il-Kunsillier Lawrence Bonavia talab sospensjoni tal-laqgħa sabiex jirringrazzja kemm lil dawk il-Kunsillieri kollha preżenti u mhux, lir-Raħal ta' Ħal Tarxien u liċ-cittadini Tarxiniżi u mhux, li wrew sogħba miegħu u mal-familjari tiegħu għat-telfa tal-għażiż missieru.**

**Is-Sindku u dawk preżenti rringrazzjawh.**

1. **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

i. Il-Minuti tal-Laqgħat nru. 48/07 tat-TLIETA 29 ta' Marzu 2016 fis-6.00pm, Nru. 49/07 Straordinarja tat-TLIETA 5 t'April 2016 fl-4:00pm kif ukoll 50/07 Straordinarja tat-Tnejn 28 ta' April 2016 fil-17:00pm ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel.

ii. **Il-Minuti tal-Laqgħat nru. 48/07 u Nru. 49/07 ġew approvati unanimament filwaqt li l-Minuti nru. 50/07** ġew approvati mis-Sindku u mill-Kunsillieri preżenti għajr mill-Kunsillier Lawrence Bonavia li astjena peress li kien assenti għal din il-laqgħa. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

*Il-Kunsillier Luke Genuis wasal fi 6.30PM*

2. **Komunikazzjoni mis-Sindku (inkluż korrispondenza)**

i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, hekk kif kien rrapurtat fil-laqgħat preċedenti, jidher li l-avukat tal-Kunsill rnexxielu jġib xi dokumentazzjoni mingħand dan il-Kuntrattur u dan meta kien mar ikellmu f'isem il-Kunsill. Pero kompla jispjega s-Sindku, dawn id-dokumenti għad mhumiex f'idejna għaliex l-Avukat tal-Kunsill kien impenjat f'Ġuri u għalhekk kien għadu ma ltaqax magħna. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

ii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill, li waqt iż-żjara tiegħu flimkien mal-Artist lokali Denis Calleja, fil-Bulgaria waqt it-Tourism Fair, marru tajjeb ħafna. L-Artist Denis Calleja anke ta xi pitturi bħala donazzjoni. Filwaqt li hu kellu laqgħa mal-Mnistru tat-Turiżmu tal-Bulgaria fejn din min-naħa tagħha wriet ix-xewqa li jsiru skambji ta' gruppi bejn iż-żewġ pajjiżi. Is-Sindku qal li ngħatajna rappurtaġġ tajjeb mil-press Bulgara. Ġemellaġġ – Veliko Turnovo Bulgaria

ii.i Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-Proġett tal-ERDF, saret *sight visit* minn EU Fund Manager tal-PPCD. Is-Sindku qal li kien hu li ltaqa' magħha u dawwarha kemm fiż-żewġ siti kif ukoll rat il-pannelli nstallati fuq is-saqaf tal-latrina pubblika. Proġett ERDF 213 – rapport finali

ii.ii Sadanittant qal is-Sindku rigward il-vandaliżmu li sar fuq il-gazebo, issa jista' jikkonferma li l-persuni li kien sab meta darba mar għall-għarrieda sar jaf min huma dawn iż-żgħazagħ u ser jipproċedi mal-pulizija. Vandaliżmu

iii. Rigward it-turf, is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox *status quo*. Turf tal-ground 5 aside

iv. Rigward *it-traffic management* propost fi Triq Kurunell Mass, il-Kunsillier Luke Genuis qal li din ġiet approvata hekk kif proposta. Traffic Managment – Triq Kurunel Mas

v. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-*embellishment* ta' l-area fi Triq Kurunell Mass, jittama li issa għalkemm il-Perit Mintoff m'għadux il-Perit tal-Kunsill xorta jibqa għaddej u jmexxi fuq il-proġetti li beda hu bħala dak iż-żmien il-Perit tal-Kunsill. Ġnien Kurunell Mass

v.i Sadanittant qal is-Sindku li l-fondi tal-UIF issa telgħu għal- €12,546. UIF

vi. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra issa sirna nafu min kien il-persuna nvoluta. Dan għaliex wieħed mill-ħaddiema li għandna assenjati mal-Kunsill qal li hu dejjem kien jaf min hu u saħansitra seħaq li kien diġa għadda d-dettalji lill-Ex Sindku Joseph Abela xhur ilu dakinhar preċiż meta kien seħħ l-inċident. Imma l-Ex Sindku kien ħalla kollox għaddej u kulħadd preżenti jaf li anqas biss kien ħalla dettalji fil-Kunsill meta kien Inċident monument – Avukat UNTOURS

irriżenja. Ħadd mill-Kunsillieri ma kien infurmat dwar dan l-aġir tal-Ex Sindku Joseph Abela u kollha tennew li bħala persuni responsabbli mill-fondi pubbliċi mgħoddija lilhom mill-Gvern Ċentrali qatt ma setgħu jaċċettaw dan. Għaldaqstant il-Kunsill kollu unanimament qabel li ladarba sirna nafu min hu dan l-individwu obbligati li mmexxu u għalhekk ser ninfurmaw lill-Avukat bid-dettalji kollha.

vii. Dwar il-meter ta' Ġnien Ovindoli s-Sindku spjega li mar jiċċekja Planning Authority biex jara x'ġara minn dan il-COMPLIANCE CERTIFICATE pero s'issa konna għadna ma rċevejniex risposta mingħandhom. Meter Ġnien Ovindoli

*Il-Kunsillier Ishmael Dalli wasal fi 18:42PM*

viii. Rigward l-każ fejn l-impjegata Isabella Formosa kienet tħallset flus żejda u b'ammissjoni tagħha stess kien sar qbil mal-Ex Sindku Joseph Abela u L-Ex Seg. Eżek. Paul Pace sabiex hija ma tirritorna xejn diment li l-Awdituri ma jindunawx, is-Sindku Paul Farrugia nfurma lill-Kunsill li l-BORD TA' GVERNANZA qed jgħid li dawn il-flus għandhom jiġu rritornati. Is-Sindku kien qal li lest li jiftaħ kawża u l-Kunsill unanimament kien qabel li tintbgħatilha ittra li trid tagħmel ftehim legali magħna inkella konna ser nipproċedu bil-Qorti. Każ ta' flus imħallsa żejda lill-impjegata Isabella Formosa

viii.i Sadanittant kompla jispjega s-Sindku li sfortunatament konna għadna ma wasalna imkien ma din l-impjegata anzi kważi kważi pjuttost morna agħar. U dan għall fat li din l-impjegata qegħda tieħu leave anke meta ma jkunx approvat mis-Seg. Eżek. Din l-impjegata qegħda tagħmel ta' rasha u mhix tagħti każ l-ordnijiet tas-superjuri tagħha. Fuq dan żied is-Sindku, Is-Seg Eżek. għandha laqgħa ma' Direttur Sur Carmel Abela u mal-Asst. Direttur Pio Farrugia.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rtira mil-laqgħa fis-19:00pm*

ix. Rigward il-proposta ta' Bye Law sabiex l-Kunsill ikun jista' jiġbor flus miġbura mill-attivitajiet u jkunu jidhru fil-kotba tal-Kunsill biex b'hekk ikun hemm aktar kontroll, is-Sindku qal li hekk kif kien maqbul ser nimxu fuq byelaws ta' Kunsilli oħra u ser nitkellmu mal-Avukat tal-Kunsill biex naraw kif nistgħu nipproċedu legalment. BYE Law ġbir ta' flus minn attivitajiet

x. Rigward il-barrier għal quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola, il-Kunsillier Frans Agius qal li din saret u twaħħlet u s-Surmast bgħat jirringrazzja ħafna lill-Kunsill tal-inizjattiva. Barrier quddiem il-bieb prinċipali tal-iskola

x.i Is-Sindku Paul Farrugia kkonferma mal-Kunsill li l-isprall fi Triq Żejtun ukoll tlesta u twaħħal. Sprall fi Triq Żejtun

xi. Il-Kunsillier Frans Agius nforma lill-Kunsill li rċevejna mingħand it-TCTC, li għas-sajf li ġej ser għal darb'oħra jniedu l-kors tal-IKIDS. Il-Kunsill unanimament qabel li jiġu organizzati dawn il-korsijiet għat-tfal flimkien mat-TCTC. TCTC

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie s-Seg. Tal-Kumitat tal-Festa biex applika għal xi permessi għal żmien il-festa. U għaliex Is-Seg. Tal-Kumitat is-Sur Mercieca ntalab iħallas għall-permessi dan ġie b'daqxejn paroli u għadda xi kummenti żejda. Ħlas ta' Permessi mill-Kumitat tal-Festa

xii.i Kompla jispjega s-Sindku li ġie spjegat lilu li dan kien qed isir wara dak li kien irrapurtat mill-Viċi Sindku li l-Kappillan kien talab li f'każ li l-Kunsill jagħmel użu mis-sala ta' Dar Nazaret kien ried iħallas, u għaldaqstant il-Kunsill kollu kien unanimament qabel li minn issa 'l-quddiem il-permessi mhux ser jibqgħu jkunu ssussidjati imma jrid isir ħlas tal-permess.

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt għall-Ġbir ta' Skart Riċiklat kien ġie ffirmat dakinhar stess tal-laqgħa. Is-Sindku qal ukoll li f'każ li l-Kunsill ikun irid iżid xi bring in sites dan setgħa jagħmlu bla limitu. Kuntratt Ġbir ta' Skart Riċiklat

xiv.i B'rabta ma' dan, is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li kien daħal ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq Dun Karm Sant fejn dan kien qed jitlob li l-Bring In Sites li hemm fi Triq Dun Karm Sant jiġu spustjati minn hemm. Dan kien qed jitolbu għaliex il-ħaddiema li kienu qed jaħdmu fis-sit ta' kostruzzjoni biswiethom kienu qed jipparkjaw l-inġenji quddiem dawn il-Bring In Sites bil-konsegwenza li kien qed jostakolaw it-triq u joħolqu inkonvenjent kemm għas-sewwieqa li jkunu għaddejjin kif ukoll għall-istess residenti li riedu jidħlu u/jew joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom.

xiv.ii Saret diskussjoni dawr dan u l-Viċi Sindku Keith Darmanin issuġġerixxa li dawn l-Bring In Sites jiġu spustjati u jitpoġġew fi Triq Xandru Farrugia f'parti tat-triq fejn għadu mhux mibni. Ġie maqbul li s-Sur Darmanin juri lis-Sindku l-post propost u wara mmexxu dawn l-iskips skond il-bżonn.

xv. Sadanittant qalet is-Seg. Eżek. li b'rabta mas-sit ta' kostruzzjoni li għaddej fi Triq Dun Karm Sant, kienet waslet il-Kunsill email mingħand resident li joqgħod fi Triq Xandru Farrugia li tiġi biswiet Triq Dun Karm Sant, fejn dan rraporta li darba fost l-oħrajn kien ċeda l-ħajt mibni mad-dawra tas-sit. Konsegwenza ta' dan kienet ċediet parti mit-triq ta' fejn kien mibni dan iċ-ċint kif ukoll ikkollassa xi bini li kien għadu kif imbena. Kopja tal-email flimkien ma xi ritratti annessi bħala referenza. Sit ta' Kostruzzjoni fi Triq Dun Karm Sant

xv.i Saret diskussjoni dwar din l-email u kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill ma jistax jagħti garanzija li d-djar li hemm jdawwar dan is-sit huma sikuri. Ir-residenti għandhom jitolbu parir privat mingħand perit tal-fiduċja tagħhom u jmexxu skond il-bżonn.

xvi. Rigward il-*pass* ta' fejn l-iskola li l-Ex Sindku Joseph Abela kien qassam lir-residenti tal-akkwata, mingħajr ma' tal-anqas kienu ffirmati minnu sabiex b'hekk ikollhom awtorita', is-Seg. Eżek. qalet li daħal suġġeriment mingħand xi residenti li joqgħod fl-akkwata biex jerġa jibda jitħalla passaġġ u l-karozzi jkunu jistgħu jgħaddu minnhu. Saret diskussjoni dwar dan u kien hemm qbil unanimu li dan ma setax isir għaliex dan il-passaġġ kien qed jintuża u kienu qed jgħaddu minnu ħafna nies li jieħdu t-tfal l-Iskola Passes fejn l-Iskola

xvii. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienet saret it-talba lit-TM sabiex jindikawlna x'kienu l-ispejjeż li ried jagħmel tajjeb għalihom il-Kunsill, u dan fir-rigward it-talba li kienet saret sabiex issir pedestrian crossing fi Triq San Tumas. Żiedet tgħid is-Seg. Eżek. li ma kienx għad waslet risposta. Pedestrian Crossing Triq San Tumas

xviii. Rigward l-ittra mit-TM mibgħuta lir-residenti ta' Triq San Franġisk dwar li t-triq tagħhom kienu ser isirulha xi xogħlijiet mill-istess TM, is-Sindku qal li kien għal darb'oħra bgħat reminder tal-ittra li hu kien bgħat lill-Onor. Ministru Joe Mizzi kif ukoll lic-Chairman Sur James Piscopo fejn kien reġa talabhom l-bicca l-oħra tat-triq u talab ukoll jekk hux ser isiru s-servizzi. Reġa tehnna s-Sindku li kien għadu bla risposta. Xogħol mit-TM fi Triq San Franġisk

xix. Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar ix-xogħol maħsub li jsir fi Triq Palma minn TM, qal li rega kien hemm laqgħa oħra *on site*. Żied jispjega li huwa ppjanat li sal-Festa M'Annunzjata ma jinbeda xejn u aktarx anqas sal-Festa tal-Madonna tad-Duttrina. Xogħlijiet minn TM fi Triq Palma

xix.i Is-Sindku spjega wkoll li oppona li ssir funtana imma minflokk isir pedistall u arblu u tittlella l-bandiera. Qal is-Sindku li talab lill-Onor. Silvio Parnis biex bħala l-Aġenzija għar-Riġenerazzjon tas-South jagħmel tajjeb għall-ispejjeż.

xx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba sabiex issir bozza ġdida fi TRIQ IL-FIERES Kien mar il-Kuntrattur tal-Kunsill fuq il-post biex jara sewwa x'hemm bżonn xi jsir. Bozza ġdida Triq Fieres

xxi. Il-Kunsillier Luke Genuis qal li ser ikellem lill-Perit responsabbli sabiex jara f'hix waslet il-proposta li ssir traffic management fil-parti tat-Triq ZEJTUN ma' Triq il-KNISJA quddiem l-Ispiżerija. Traffic Maangement – Triq Zejtun

xxii. Is-Seg. Eżek. qalet li kienet ntbgħatet l-ittra lit-TM sabiex sakemm jibda x-xogħol propost fi Triq Palma, jitgħattew it-tabelli kollha li diġa twaħħlu relatati max-xogħol propost pero s'issa kienet għad ma waslitx risposta. Tabelli – Triq Palma

xxiii. Is-Sindku Paul Farrugia qal li kien cempillu xi ħadd fuq il-Pageant tal-Ġimgħa l-Kbira ta Joseph Abela fejn dan staqsa għaliex il-Kunsill ma taħx permess biex jagħmilha ġewwa r-raħal ta' Ħal Tarxien bħas-snin l-imgħoddija. Kompla s-Sindku jispjega li Dan kollu paroli fieraħ u mhux VERITIER għaliex ĦADD ma kien ressaq talba lill-Kunsill Lokali għal xi permessi ta' pageant. Pageant – Joseph Abela

xxiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu ma wasalx l-Audit Report. A/UDIT

xxiv.i Is-Sindku temm jgħid li jerġa jirrepeti dak li kien qal waqt l-ispjega tal-Unaudited Financial Statements li l-Kunsill baqa jagħmel d-dmirijiet tiegħu iżda qata' l-ispejjeż u l-infieq bla rażan u bla bżonn. Saħansitra dan irriżulta li l-Kunsill temm is-sena b'Financial Indicator ta' +33% fejn fis-sena 2014 kien spiċċa b'Financial Indicator ta' +6% u dan bi ksur tal-Liġi Finanzjara.

xxv. Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li d-Dipt. Gvern Lokali kien bgħat żewġ emails waħda dwar il-kundizzjoni ta' Triq Ħal LUQA u oħra dwar l-istat tat-Toroq in ġenerali ġewwa Ħal Tarxien u xi pjanijiet kellu l-Kunsill sabiex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Emails DLG – Toroq Ħal tarxien

xxv.i Il-Kunsill iddiskuta dawn iż-żewġ emails u ġie deċiż li nwieġbu li Triq Ħal Luqa ssir meta jkollna finanzi filwaqt li t-toroq l-oħra hemm il-pjanijiet li joħroġ tender ġdid u jkompli bit-toroq ppjanati fil-kuntratt tal-PPP ladarba jiġu ssetiljati l-pendenzi li għandu l-Kuntrattur.

xxvi. Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li d-Dipt. Gvern Lokali kien qed jitlob sabiex il-Kunsilli Lokali juru sapport waqt il-Jum Internazzjoni ddedikat lil dawk li jbgħatu mill-FIBROMYALGIA u għaldaqstant kienu qed jitolbu li jinxtgħel x'imkien bil-vjola u blue. Ġie deċiż li jinxtgħelu l-floodlights ta' quddiem il-Kunsill Lokali. FIBROMYALGIA

xxv. Is-Seg. Eżek. qalet li kienet waslet ittra l-Kunsill mingħand is-Segretarju f'isem l-Għadqa Kultura u Armar fejn qed jitolbu li fil-jiem tal-Festa Marija Annunzjata ma jintramawx gabbani u stalls fi Triq Annunzjata k/m Triq Paola peress li ser tintrama xi statwa mill-Għaqda tiegħu. Il-Kunsill Lokali unanimament laqa' din it-talba. Talba Għaqda Kultura u Armar sabiex ma jintramawx gabbani fi Triq Annunzjata k/m Triq Paola

xxvi. Is-Seg. Eżek. qalet li kienet waslet ittra mingħand l-Iskola St Thomas Moore fejn qed jitolbu lill-Kunsill sabiex isiru xi bins fl-inhawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll forsi l-Kunsill ikunx jista' jisponsorja bins tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola. Il-Kunsill unanimament qabel li l-bins ta' barra l-Iskola jistgħu jsiru filwaqt li għal bins tar-Riċikalġġ niktbu lill-GREEN MT sabiex naraw jistawx jisponsorjawhom huma. Bins

xxvii. Is-Seg. Eżek. qalet li l-iSCOUTS kienu qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tittella' CAR WASH fil-Pjazza tal-Knisja nhar l-14 ta' Mejju 2016. Il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-permess. CAR Wash – Scouts

xxviii. Il-Kunsillier Frans Agius qal li kien avviċinah resident sabiex ir-Reserved Parking li kellu quddiem ir-residenza tiegħu 28, Il-Kenn Triq il-Karmnu, titneħħa u minflokk

tiċkien għal quddiem il-bieb biss. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir.

xxix. Is-Seg. Eżek. nfurmat lill-Kunsill li kienu waslu żewġ konfermi mingħand it-TM għal reserved Parking Bays fit-toroq :-

- 26, Maliangio, Triq il-Fuħħar;
- 298, Carisol, Triq Paola;

xxx. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-sezzjoni tal-MSD li tieħu ħsieb il-manutenzjoni fuq il-BELISHA LIGHTS ser tibda ġewwa Ħal Tarxien fil-bidu ta' Mejju. Manutenzjoni Belisha Lights

### 3. Affarijiet Finanzjarji

- **Skeda ta' Pagamenti**

Ġiet imressqa Skeda ta' Pagamenti Nru. 38/07 għall-fatturi ta' April 2016. Din ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

- Is-Seg. Eżek. infurmat il-Kunsill li minn l-aħħar Audit reġa ħareġ li għad hemm xi cekkijiet tal-Allowance li ma ssarfux mill-Kunsillieri Doris Vella u Lawrence Bonavia. Kif ukoll l-aħħar ċekk tal-paga mogħti lilll-Ex Impjegata Denise Vella li kienet bi żball reġgħet iddepożitatu fl-Account tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-pagamenti jerġgħu jinħarġu u li jsiru trasferimenti direttament fil-kontijiet bankarji rispettivi tagħhom.

### 4. Rapport tal-Kunsilliera

***Rapport mill-Kunsillier Ismael Dalli***

i.
- Il-Kunsillier Ismael Dalli qal li qed ikun propost li jsir tip ta' BRING IN SITE tat-tessuti. Saret diskussjoni dwar dan, u ġie propost li l-aħjar post li jitpoġġa dan it-tip ta' Bring In site huwa Triq Palma – Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru tabelli informattivi fuq is-sit.
- Il-Kunsillier Ismael Dalli ppropona li s-Sibt 7 ta' Mejju bejn id-9:00am u nofsinhar isir il-ġbir tat-tessuti minn quddiem il-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Il-Kunsillier Ismael Dalli rtira fi 20:50pm*

ii. ***Rapport mis-Sindku*** Progeti Fondi EU

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema li kienu taħt l-iskema tal-Community Work issa ngħatalhom kuntratt indefinit u full time. Dan il-Kuntratt ġie spjegat lilhom mill-iSpetturi tal- Aġenzija li taħtha jaqaw. Dakinhar stess il-ħaddiema ffirmaw il-kuntratti rispettivi. Ġie spjegat lilhom li jridu jaħdmu t-tmien siegħat u tlett kwarti xogħol kuljum u dan biex fis-sajf ikollhom in-nofs ta' nhari. Is-Sindku żied jgħid li l-inspectors qalulna li rridu nipprovdulhom safety material biex jaħdmu. Is-Sindku qal ukoll li dak kollu neċessarju ser ikun ipprovdut lilhom. Qal ukoll li ser ikellimhom u ser iqassmilhom ix-xogħol u ser javżahom li jridu jagħtu l-ħin tagħhom u jridu jagħmlu dak mistenni minnhom.
- Is-Sindku qal li dwar il-proġetti li kien ppropona b'fondi Ewropej għadda kollox lill-kuntrattur bex jieħu ħsieb japplika.

iii. ***Rapport mill-Viċi Sindku Keith Darmanin***

Il-Viċi Sindku ma kellu xejn x'jirraporta.XEJN

iv. ***Rapport mill-Kunsillier Frans Agius***
Il-Kunsillier Frans Agius ma kellu xejn x'jirraporta.XEJN

v. ***Rapport mill-Kunsilliera Doris Vella***

- Il-Kunsilliera Doris Vella ppreżentat rendikonti għall-ħarġiet ta' Marzu u April.
- Il-Kunsilliera Doris Vella pproponiet li torganizza buffet breakfast nhar is-26 ta' Mejju 2016 fil-Vivaldi Hotel. Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita' tiġi organizzata.

vi. ***Rapport mill-Kunsillier Luke Genuis***
Il-Kunsillier Luke Genuis ma kellu xejn x'jirraporta.

**5. Ħwejjeġ Oħra**

Il-Kunsill qabel unanimament li l-LAQGĦA PUBBLIKA issir nhar l-20 ta' Mejju 2016 6:30PM ġewwa l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

**6. Għeluq tal-laqgħa**

i. Il-laqgħa ntemmet fi 20:57pm.

ii. Laqgħa oħra ser tinżamm nhar l-Erbgħa 18 ta' MEJJU 2016 fis-6:00PM

**Kav. Paul Farrugia** KLJ CMLJ
**Sindku**

**Sna. Antonella Galea**
**Seg. Eżek**